TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Tonio Hili ghan-nom ta' Angela Hili

vs

Patrick Calleja

CCT 16/20/MS

15 ta' Lulju 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent fil-kwalita' tieghu premessa, fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna lill-intimat ihallsu s-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), ammont imhallas lill-intimat ghal servizzi professjonali tieghu sabiex jiehu hsieb l-arrangamenti kollha involuti biex igib *carer* mill-Filipini hawn Malta.

Ra illi l-intimat debitament notifkat bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma ghamilx risposta u lanqas deher fl-ewwel seduta quddiem dan it-Tribunal. Minkejja dan it-Tribunal xorta sema' x-xiehda tieghu u ta' Lolita Ricci prodotta mill-istess intimat f'seduta sussegwenti meta l-kawza giet differita ghall-istess skop.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi illi f'Gunju 2019 ir-rikorrent u ohtu ddecidew iqabbdu lill-intimat ighinhom biex igibu *carer* mill-Filipini ghal mama taghhom. Huma appilkaw ghal *carer* partikolari - certa Thelma Arellano. Ta' dan is-servizz l-intimat talabhom is-somma ta' elf u hames mitt Euro bil-quddiem u dan kien jinkludi l-ispejjes kollha sakemm l-imsemmija *carer* tibda tahdem hawn Malta bil-permessi kollha mehtiegha. Ir-rikorrent ighid li appena hareg il-permess minn Identity Malta biex l-intimat ikun jista' jibda l-process mehtieg biex tinhareg il-VISA mill-Filippini, bdew il-problemi mal-intimat. Ir-rikorrent ighid li f'dak l-istadju ddahlet certa Lolita Ricci, l-assistenta tal-intimat, fejn din allegatament talbet lil Arellano izjed flus (sitt elef Euro) sabiex tkun tista' tmexxi l-applikazzjoni biex tinhargilha l-VISA. Peress illi l-*carer* ma kellhiex mezzi biex thallas dawn l-ammonti kbar ta' flus, li

ma kienux inkluzi fil-kuntratt originali miftiehem bejn il-partijiet, il-process wehel. Waslu f'punt fejn l-intimat ma bediex jirrispondi l-messaggi u t-telefonati tar-rikorrent u din il-*carer* spiccat ma gietx Malta u l-process kollu sfaxxa fix-xejn.

Xehdet ukoll Mariella Aquilina, oht ir-rikorrent, fejn ikkonfermat dak kollu li gara. Qalet illi hi kienet qieghda tikkomunika mal-carer li kienet ser tigi Malta u ghal bidu kollox kien miexi sew, imma wara bdew jinqalghu l-intoppi. Il-carer kienet issemmi mara li kienet qed titlobha iktar flus u dahlet persuna ohra fin-nofs - certa Lolita, fejn talbitha iktar flus. Meta avzawha biex ma thallasx dawn il-flus, Lolita ma baqghetx tghinhom fil-process.

Illi min-naha l-ohra Patrick Calleja ighid li hu u Lolita Ricci (il-business partner tieghu) gabu iktar minn 450 carers Malta u l-klijenti taghhom dejjem hargu sodisfatti bis-servizzi taghhom. L-intimat xehed illi huma jahdmu bl-agenti taghhom fil-Filipini li jghinu u jassistu biex iwasslu ~~l-karti,~~ pero' ma jafx x'jaghmlu dawn l-agenti fil-~~Filipini~~ ghaliex huma ghandhom sistema fejn jitolbulek flus ghal kull haga li jaghmlu. Qal ukoll illi r-rikorrent u ohtu bdew jintervjenu u jinterferixxu fil-process u li l-*carer* in kwistjoni kellha rasha iebsa u ma bdietx tobdi l-istruzzjonijiet tieghu. Qal illi hemm racket shih fil-Filippini fejn jidhlu dawn is-servizzi u kulhadd jipprova jiehu iktar flus *over and above* l-ispejjes originali. Fil-fatt qal illi l-*carers* kollha li gab hawn Malta kollha gew mitluba xi sitt elef Euro iktar, u li hu m'ghandux x'jaqsam ma dan il-flus. Mistosqsi jekk kienx jaf jekk Lolita hadet xi flus, qal li hu ma jaf xejn.

Xehedet ukoll Lolita Ricci li qalet illi ilha tahdem mal-intimat ghal dawn l-ahhar sentejn u li hi tiehu hsieb il-karti u tipprocessa l-applikazzjoni ghall-permessi *(work permits)*. Wara li taghti l-istruzzjonijiet lil *carer* ma tidholx fil-kwistjoni tal-flus, pero' qalet illi l-*carer* ma bdietx tikkopera. Qalet illi ma taf xejn fuq is-sitt elef Euro li gew mitluba mill-agenzija fil-Filippini u li agenziji differenti jitolbu ammonti differenti. Cahdet illi hija hadet il-flus.

Ikkunsidra

Bil-proceduri odjerni, r-rikorrent qed jitlob li l-intimat jigi kkundannat ihallasu s-somma ta' €1,500 rapprezentanti servizzi professjonali imwieghda mill-intimat, liema servizz baqa' ma twettaqx.

Illi bil-hlas tas-somma ta' elf u hames mitt Euro u l-accettazjoni tieghu, giet iffurmata relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet soggetta ghat-termini u kondizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt u cjoe' :

*1. Mr Patrick Calleja would be liaising between the employer and the prospective carer, prior to her/ his coming to Malta until such time she/he is settled in her/or his new*

*employment, assist the employer to apply with Identity Malta in order that the prospective carer will be allowed to enter Malta and provide full support and assistance to the carer in Malta. The above payment shall be inclusive also of all disbursements and fees payable way way of legal support, payments to Identity Malta, the Embassies, for visa etc.*

*2. Processing time shall be between 2 to 3 three months from this payment. Provided that there are no delays by the Authorities or the Employer.*

*3. The contract automatically cancels when the Elderly passes away.*

*4. No refund shall be due to the employer if the employer chose to cancel the contract or should the employer's need of the employee changes its situation during the processing period or after the Carer arrives in Malta.*

---

Minn ezami tad-dokumenti kollha esebiti, jidher car illi r-rikorrent qatt ma kkancella l-kuntratt jew biddel il-hsieb tieghu biex igib *carer* hawn Malta. Kien l-intimat li naqas jonora t-termini tal-kuntratt. Il-kuntratt datat 3 ta' Gunju 2019, jsemmi biss il-figura ta' €1,500 u dan suppost kien jkopri l-ispejjes kollha mill-bidu sal-ahhar tal-process sakemm il-*carer* tasal Malta u tibda tahdem ghand ir-rikorrrent. F'messagg datat 29 Mejju 2019 u cjoe' qabel l-iffirmar tal-kuntratt, l-intimat, mistoqsi jekk ha jkun hemm spejjes ohra oltre €1,500, l-intimat isemmi biss €186 ghal test mediku u €140 ghal assikurazzjoni tas-sahha. Kellu kull opportunita' jekk ried, li jsemmi spejjes ohra ta' agenti fil-Filipini, izda dan m'ghamlux.

Il-kuntratt kien bejn l-intimat Patrick Calleja u r-rikorrenti Tonio Hili. Lolita Ricci ma ssemmietx f'dan il-kuntratt u lanqas semmew xi servizzi jew pagamenti ohra li kienu mehtiega minn agenti ohra fil-Filipini. Pero' ghal xi raguni, fl-17 ta' Settembru 2019 u fid-19 ta' Settembru 2019, wara li nhareg il-VISA u mistoqsi x'pass imiss issa, Calleja jibghat messagge fejn ighid:

*"She should go to her agent in the Philippines".*

*"Thelma needs clearance from her agency in the Philippines to come to Malta'."*

Dan ovvjament ma kienx parti mill-kuntratt originali li ffirmaw u l-famuz '*agent*' issemma biss mill-intimat f'dan l-istadju tal-process u mhux qabel. Dan seta' facilment gie komunikat lir-rikorrenti fid-29 ta' Mejju meta hu staqsa car u tond, jekk kien hemm xi spejjes ohra li ried ihallas biex il-carer tigi Malta. Meta xehed quddiem dan it-Tribunal, jidher car illi dawn l-ispejjes ohra kien jaf bihom l-intimat, tenut kont ukoll tal-fatt illi huwa kien gab mal-erba mitt carer hawn Malta jew izjed, u kif xehed huwa stess, dawn kellhom

ihallsu iktar flus. Pero' la ma avzax lir-rikorrent bihom u ma semmiehomx fil-kuntratt jew qabel (bhalma semma l-ispejjes l-ohra) ma jistax issa jippretendi li r-rikorrent ihallas dawn l-ispejjes zejda u dan m'ghandux jippredgudika lir-rikorrent jew b'xi mod idghajjef it-talba tieghu . Wara kollox il-*carer* baqghet ma gietx hawn Malta u ta' dan zgur ma jistghux jahtu r-rikorrent jew ohtu. Jekk il-*carer* ma obdietx l-istruzzjonijiet taghhom, dan m'ghandux jaffetwa t-termini tal-kuntratt. Apparti l-fatt li t-Tribunal ghandu dubji serji dwar dak li xehdu l-intimat u l-partner tieghu jibqa' l-fatt illi l-intimat naqas illi jonora l-termini tal-kuntratt u dan jintitola lir-rikorrent li jitlob ghal rizoluzjoni tal-kuntratt u jiehu flusu lura.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi ir-rikorrent rnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna lill-intimat ihallsu s-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500). Bl-ispejjes kontra l-istess intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru